IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

MT

**Stqarrija għall-Istampa**
**Il-Lussemburgu, it-18 ta' Diċembru 2018**

# Il-ġlieda kontra d-deżertifikazzjoni fl-UE: il-passi li ttieħdu sa issa mhumiex koerenti biżżejjed, iwissu l-awdituri

**Skont rapport ġdid li nħareġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, il-Kummissjoni Ewropea ma għandhiex stampa ċara tal-isfidi ppreżentati mit-theddid li dejjem qed jikber tad-deżertifikazzjoni u tad-degradazzjoni tal-art ġewwa l-UE. L-awdituri jgħidu li l-koerenza tal-passi meħuda sa issa mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri għall-ġlieda kontra d-deżertifikazzjoni hija limitata, u li l-Kummissjoni ma vvalutatx il-progress li sar lejn l-għan tagħha li tinkiseb in-newtralità fir-rigward tad-degradazzjoni tal-art sal-2030.**

It-terminu "deżertifikazzjoni" jiddeskrivi proċessi relatati mal-bniedem u mal-klima li jwasslu għal problemi li jaffettwaw żoni nexfin, bħat-tnaqqis fil-produzzjoni tal-ikel, l-infertilità tal-ħamrija, it-tnaqqis fir-reżiljenza naturali tal-art, u t-tnaqqis fil-kwalità tal-ilma. Il-projezzjonijiet tat-tibdil fil-klima ġewwa l-Ewropa juru li r-riskju ta' deżertifikazzjoni qed jiżdied. Diġà jeżistu semideżerti sħan fin-Nofsinhar tal-Ewropa u l-fenomenu qed jestendi lejn it-Tramuntana. Id-deżertifikazzjoni hija konsegwenza, iżda wkoll kawża tat-tibdil fil-klima: id-degradazzjoni tal-ħamrija tirriżulta fl-emissjoni ta' gassijiet serra, u ħamrija degradata għandha inqas kapaċità biex iżżomm il-karbonju.

Fil-qafas tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Ġlieda kontra d-Deżertifikazzjoni, 13-il Stat Membru ddikjaraw li huma affettwati mid-deżertifikazzjoni. Fl-2015, l-UE u l-Istati Membri impenjaw lilhom infushom li jagħmlu ħilithom biex, sal-2030, jiksbu n-newtralità fir-rigward tad-degradazzjoni tal-art ġewwa l-UE.

L-awdituri żaru ħames Stati Membri tal-UE li huma affettwati mid-deżertifikazzjoni: Spanja, l-Italja, Ċipru, il-Portugall u r-Rumanija, u eżaminaw jekk ir-riskju ta' deżertifikazzjoni fl-UE kienx qed jiġi indirizzat b'mod effettiv u effiċjenti.

Huma sabu li, filwaqt li d-deżertifikazzjoni u d-degradazzjoni tal-art jippreżentaw theddid attwali li dejjem qed jikber ġewwa l-UE, il-Kummissjoni ma għandhiex stampa ċara tal-isfidi li jeżistu, u l-koerenza tal-passi li ttieħdu għall-ġlieda kontra d-deżertifikazzjoni hija limitata.

*"Aħna qed naraw żieda fin-nixfiet, fl-aridità u fir-riskju ta' deżertifikazzjoni minħabba t-tibdil fil-klima fl-UE"*, **qal Phil Wynn Owen, il-Membru tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri responsabbli għar-rapport**. *"Id-deżertifikazzjoni tista' tikkawża faqar, problemi tas-saħħa minħabba trab li jtir bir-riħ, u tnaqqis fil-bijodiversità. Hija jista' jkollha wkoll konsegwenzi demografiċi u ekonomiċi, li jisfurzaw lill-popolazzjoni biex temigra lil hinn miż-żoni affettwati. Bħala awdituri, aħna għandha r-responsabbiltà li niġbdu l-attenzjoni għal*

***L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tar-rapport speċjali maħruġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri.***
*Ir-rapport sħiħ jinsab fuq www.eca.europa.eu.*


**ECA Press**
**Mark Rogerson – Kelliem T: (+352) 4398 47063 M: (+352) 691 55 30 63**
**Damijan Fišer – Uffiċjal tal-Istampa T: (+352) 4398 45410 M: (+352) 621 55 22 24**
**12, rue Alcide De Gasperi - L-1615 Luxembourg**
**E: press@eca.europa.eu @EUAuditors eca.europa.eu**

*riskji bħal dawn, li jistgħu jpoġġu pressjoni dejjem akbar fuq il-baġits pubbliċi, kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak nazzjonali."*

L-awdituri jgħidu li ma teżisti l-ebda strateġija fil-livell tal-UE dwar id-deżertifikazzjoni u d-degradazzjoni tal-art. Minflok, hemm firxa ta' strateġiji, pjanijiet ta' azzjoni u programmi ta' nfiq, bħall-Politika Agrikola Komuni, l-Istrateġija tal-UE għall-Foresti, u l-istrateġija tal-UE dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima, li huma rilevanti għall-ġlieda kontra d-deżertifikazzjoni, iżda ma jiffokawx fuqha.

Il-proġetti tal-UE relatati mad-deżertifikazzjoni jinsabu mifruxa wkoll fl-oqsma differenti ta' politika – l-iżvilupp rurali, l-ambjent u l-azzjoni klimatika, ir-riċerka, u l-politika reġjonali. Dawn jista' jkollhom impatt pożittiv fuq il-ġlieda kontra d-deżertifikazzjoni, iżda hemm xi tħassib dwar is-sostenibbiltà tagħhom fuq terminu twil.

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri jiġbru *data* dwar diversi fatturi li għandhom impatt fuq id-deżertifikazzjoni u d-degradazzjoni tal-art. Madankollu, ma saritx valutazzjoni kompleta tad-degradazzjoni tal-art fil-livell tal-UE, u ma sarx qbil dwar il-metodoloġija għaliha. Il-koordinazzjoni bejn l-Istati Membri kienet limitata, u l-Kummissjoni ma pprovdietx gwida prattika. Il-Kummissjoni ma vvalutatx il-progress li sar lejn l-ilħuq tal-impenn biex tinkiseb in-newtralità fir-rigward tad-degradazzjoni tal-art ġewwa l-UE sal-2030.

**L-awdituri jirrakkomandaw li:**

- tiġi stabbilita metodoloġija għall-valutazzjoni tal-firxa tad-deżertifikazzjoni u d-degradazzjoni tal-art ġewwa l-UE, u, ibbażat fuq din il-metodoloġija, issir analiżi tad-*data* rilevanti li tiġi ppreżentata regolarment;
- jiġi vvalutat ix-xerqien tal-qafas legali attwali għall-użu sostenibbli tal-ħamrija ġewwa l-UE, inkluż l-indirizzar tad-deżertifikazzjoni u d-degradazzjoni tal-art;
- jiġi spjegat f'aktar dettall kif l-impenn tal-UE għan-newtralità fir-rigward tad-degradazzjoni tal-art se jinkiseb sal-2030, u jsiru rapporti regolari dwar il-progress li jkun sar;
- tiġi pprovduta gwida lill-Istati Membri dwar il-preżervazzjoni tal-ħamrija u l-ksib tan-newtralità fir-rigward tad-degradazzjoni tal-art ġewwa l-UE, inkluża d-disseminazzjoni ta' prattiki tajba;
- jiġi pprovdut appoġġ tekniku lill-Istati Membri, fuq talba tagħhom, biex huma jkunu jistgħu jistabbilixxu pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali sabiex jiksbu n-newtralità fir-rigward tad-degradazzjoni tal-art sal-2030.

**Nota lill-Edituri**

It-13-il Stat Membru tal-UE li ddikjaraw, fil-qafas tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Ġlieda kontra d-Deżertifikazzjoni (UNCCD), li huma affettwati mid-deżertifikazzjoni huma: il-Bulgarija, il-Greċja, Spanja, il-Kroazja, l-Italja, Ċipru, il-Latvja, l-Ungerija, Malta, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja u s-Slovakkja.

Il-QEA tippreżenta r-rapporti speċjali tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tal-UE, kif ukoll lil partijiet interessati oħra bħall-parlamenti nazzjonali, il-partijiet ikkonċernati mis-settur tal-industrija u r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili. Il-maġġoranza l-kbira tar-rakkomandazzjonijiet li nagħmlu fir-rapporti tagħna jiddaħħlu fil-prattika. Il-fatt li dan isir daqshekk ta' spiss jissottolinja l-benefiċċju tax-xogħol tagħna għaċ-ċittadini tal-UE.

Ir-Rapport Speċjali Nru 33/2018 "Il-ġlieda kontra d-deżertifikazzjoni fl-UE: theddida dejjem akbar li tirrikjedi azzjoni addizzjonali" huwa disponibbli fuq is-sit web tal-QEA (eca.europa.eu) bi 23 lingwa tal-UE.